

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1640

tat-12 ta' Awwissu 2020

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2022 “ħilet tax-xogħol” u l-varjabbli ta' tmien snin dwar “pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol” fid-dominju tal-forza tax-xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika n-numru u t-titli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-forza tax-xogħol.
- (2) Il-Kummissjoni jenħtieġ tistabbilixxi n-numru u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* “ħilet tax-xogħol” u l-varjabbli ta' tmien snin dwar is-suġġett dettaljat ta' “pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol” fid-dominju tal-forza tax-xogħol.
- (3) Jenħtieġ li n-numru ta' varjabbli li jridu jinġabru ma jaqbiżx b'aktar minn 5 % lin-numru ta' varjabbli miġbura għad-dominju tal-forza tax-xogħol fil-mument meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-numru u t-titli tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2022 “ħilet tax-xogħol” u l-varjabbli ta' tmien snin għal “pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol” fid-dominju tal-forza tax-xogħol huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

In-numru u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2022 “ħilet tax-xogħol” u l-varjabbli ta’ tmien snin dwar “pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol” fid-dominju tal-forza tax-xogħol

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
03c. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol – 11-il varjabbli miġbura (11 relatati ma’ suġġett <i>ad hoc</i>)	Ħilet tax-xogħol	DIGITAL	Il-ħin iddedikat għal xogħol fuq apparat diġitali fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		READING	Il-ħin iddedikat għal qari ta’ manwali u ta’ dokumenti tekniċi relatati max-xogħol, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		CALCULATE	Il-ħin iddedikat għal xogħol ta’ kalkoli relattivament kumplessi, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		PHYSICAL	Il-ħin iddedikat għal xogħol fiżiku iebes, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		DEXTERITY	Il-ħin iddedikat għal xogħol manwali, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		COMMINT	Il-ħin iddedikat għal interazzjoni ma’ nies fl-istess intrapriża jew organizzazzjoni, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		COMMEXT	Il-ħin iddedikat għal interazzjoni ma’ nies minn barra l-intrapriża jew l-organizzazzjoni, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		GUIDANCE	Il-ħin iddedikat għall-għoti ta’ pariri, taħriġ jew tagħlim lil persuni oħra, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		JOBAUTON	Il-grad ta’ awtonomija waqt it-twettiq tal-kompiti, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		REPETITIVE	Ir-ripetittività tal-kompiti, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
		PROCEDURE	Il-kompiti deskritti b’mod preċiż bi proċeduri stretti, fl-impjieg ewlieni jew fl-aħħar impjieg
03d. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol – 11-il varjabbli miġbura (11-il varjabbli ta’ tmien snin)	Pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol	PENSTYP1	Pensjoni tax-xjuħija
		AGEPENSO	L-età tal-persuna meta bdiet tirċievi pensjoni tax-xjuħija
		STATRECE	L-ewwel wasla statutorja ta’ pensjoni tax-xjuħija bi tnaqqis jew b’bonus
		PENSTYP2	Pensjoni tad-diżabbiltà jew benefiċċju ieħor tad-diżabbiltà fi flus kontanti perjodiċi
		AGEPENSD	L-età tal-persuna meta bdiet tirċievi pensjoni tad-diżabbiltà jew benefiċċji oħra tad-diżabbiltà fi flus kontanti perjodiċi
		PROVTYPE	Pensjoni tal-manteniment
		PENSSITU	Is-sitwazzjoni meta bdiet tasal pensjoni tax-xjuhija
		WSTPREAS	Ir-raġuni ewlenija għal waqfien mix-xogħol meta bdiet tasal pensjoni tax-xjuħija
		WCONREAS	Ir-raġuni ewlenija għal tkomplija tax-xogħol meta qed tasal pensjoni tax-xjuħija
		LMREENT	Dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol wara li tkun bdiet tasal pensjoni tax-xjuħija
		LMENTREAS	Ir-raġuni ewlenija għal dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol